# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### ILLUM IT-TLIETA, 16 TA' LULJU 2019

**Rik. Revoka Nru.555/2019 RGM**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Nru 452/2019**
**fl-ismijiet:-**

**Vincenzo di Nunzio**

**Vs**

**Interactive Services Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjeta' sekwestrata Interactive Services Limited prezentat fl-4 ta' Gunju 2019 li permezz tieghu ghar-ragunijiet hemm moghtija talbet ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 452/19 fl-ismijiet premessi ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12.

Rat ir-risposta tas-sekwestrant Vincenzo di Nunzio tal-25 ta' Gunju 2019 li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm moghtija qed jopponi ghat-talba tas-sekwestrata.

Semghat lill-abbli Avukati tal-partijiet fl-udjenza tat-2 ta' Lulju 2019.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Rat l-atti kollha.

Ikkonsidrat;

**Provi**.

**Sentenza tal-Qorti ta' Velletri, l-Italja tas-16 ta' April 2018**.

Jirrizulta mill-atti illi b'rikors tal-4 ta' April 2019 Vincenzo di Nunzio talab il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra s-socjeta' sekwestrata ghas-somma ta' €125,518.51 u dan in segwitu ghal sentenza moghtija fis-16 ta' April 2018 mill-Qorti ta' Velletri gewwa l-Italja bin-numru 285/18 fl-ismijiet "Vincenzo Di Nunzio vs Interactive Services Limited". Mar-rikors tieghu di Nunzio ezebixxa kopja tas-sentenza kif ukoll certifikat rilaxxjat mill-Qorti fl-Italja ai termini tal-Artikolu 53 tal-Regolament Ewropew numru 1215/2012 [Regulation (EU) no 1215/2012 of the European Parliament and of the Council on Jurisdiction and the Recognition and Enforcement of Judgments in Civil and Commercial Matters."

B'digriet tad-9 ta' April 2019 din il-Qorti diversament presjeduta laqghet it-talba u ordnat il-hrug tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv kif mitlub. Ma jirrizultax mill-atti illi qabel inghata d-digriet imsemmi is-socjeta' sekwestrata giet notifikata bir-rikors tal-4 ta' April 2019.

**Azzjoni taht l-Artikolu 281 tal-Kap. 12**.

Fl-4 ta' Gunju 2019 is-socjeta' sekwestrata prezentat ir-rikors in dizamina fejn qed titlob ir-revoka tal-mandat imsemmi. Resqet is-segwenti ragunijiet:-

1. Is-sentenza tal-Qorti ta' Velletri ma hiex valida ghaliex qabel inghatat dik is-sentenza ma gietx segwita l-procedura ta' notifika kif mehtieg mil-ligi Taljana u dik Ewropea;

2. Il-Qorti ta' Velletri ma kelliex il-gurisdizzjoni necessarja li tisma' l-kaz;

3. Fl-10 ta' Mejju 2019 is-socjeta' sekwestrata prezentat rikors quddiem it-Tribunal Ordinario di Velletri fejn qed qed tattakka l-validita' tas-sentenza de quo;

4. Ic-certifikat rilaxxjat mill-Qorti Taljana ai termini tal-Artikolu 53 tar-Regolamenti 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Dicembru 2012 ma fih ebda firem jew timbri minghand l-Awtorita' kompetenti Taljana;

5. Is-socjeta' sekwestrata qatt ma giet notifikata bic-certifikat flimkien mas-sentenza relattiva qabel ma inhareg il-mandat ezekuttiv;

Il-Qorti sejra fl-ewwel lok tiddelibera u tiddeciedi dwar l-ahhar raguni moghtija u dan peress illi jekk tirrizulta fondata ikun bizzejjed sabiex ir-rikors in dizamina jigi akkolt.

**Artikolu 281 tal-Kap. 12** jipprovdi illi:-

"(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din illiġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista’ tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista’ tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f’parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."

Hija ormai gurisprudenza kostanti illi f'azzjonijiet taht l-Artikolu 281 il-Qorti ma tiddeliberax dwar il-mertu tal-kwistjoni ta' bejn il-partijiet li jkun wassal ghall-hrug tal-att ezekuttiv.

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza moghtija fis-7 ta' Mejju 2019[1] fl-atti tar-Rikors ghall-Hrug ta' Kontro-Mandat ghall-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv

[1] Appell nru. 849/18GM

numru 1278/18GCD fl-ismijiet "**Fabrizio Pirello vs Bare Sport  Europe Limited ġjà Fitzwright Europe Ltd** ":-

"12. Illi din il-Qorti jidhrilha li għandha ttenni li fil-proċedura maħsuba taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-Mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ . Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra. Ta' min iżid jgħid ukoll li dan ir-rimedju ma jingħatax biss lil min kontra tiegħu jkun inħareġ Mandat bħal dak, iżda wkoll lil "xi persuna oħra interessata".  Dak li huwa tassew meħtieġ li jintwera minn min jinqeda bi proċedura bħal din hu l-eżistenza ta' "raġuni valida skond il-liġi";

13. Illi fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, il-Qorti li quddiemha ssir it-talba għat-tħassir tal-att eżekuttiv ma tinbidilx  f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu eżekuttiv li jkun. Għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xi ħadd biex jitlob il-ħruġ ta' Mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-Qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu.  Dan jingħad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżegwibbli;

14. Illi  l-Qorti tqis li talba għat-tħassir ta' att eżekuttiv taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi m'għandha bl-ebda mod tinbidel f'talba biex tqis is-siwi tat-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu jintalab il-ħruġ ta' att eżekuttiv.  Il-liġi tagħti rimedju ieħor safejn wieħed jista' jattakka s-siwi ta' titolu

eżekuttiv, li mhuwiex ir-rimedju proċedurali taħt l- imsemmi artikolu 281."

Ikkunsidrat;

Kif rajna wiehed mill-aggravji tas-socjeta' sekwestrata huwa illi qabel ma intlaqghet it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv hija ma gietx notifikata b'kopja tac-certifikat rilaxxjat mill-Qorti Taljana ai termini tar-Regolament Ewropew nru 1215/2012. Is-sekwestrant jilqa' ghal dan billi jsostni illi fil-fatt is-socjeta' sekwestrata giet notifikata fis-sede taghha gewwa l-Italja.

Minn ezami tal-atti jidher illi s-sekwestrant qed jikkonfondi il-procedura gewwa l-Italja sabiex jinhareg ic-certifikat ai termini tal-Artikolu 53 tar-Regolament Ewropew nru 1215/2012 mal-procedura mehtiega sabiex tali certikfat, u allura is-sentenza fih indikata, tkun ezegwibbli fil-gurisdizzjoni Maltija.

Jehtieg ghalhekk jigi indagat jekk una volta l-Qorti Taljana irrilaxxjat tali certifikat bis-sahha tar-Regolament Ewropew, kienx mehtieg li s-socjeta' sekwestranti titlob dikjarazzjoni gudizzjarja mill-Qrati Maltin dwar l-ezegwibilita' ta' dak ic-certifikat fil-gurisdizzjoni Maltija qabel ma ghaddiet sabiex titlob il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv.#

**Artikolu 825A tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta li jinstab f'Titolu V intitolat "**Fuq l-Esekuzzjoni ta' Sentenzi ta' Tribunali ta' Pajjizi barra minn Malta**" jipprovdi illi:-

"Meta Regolamenti tal-Unjoni Ewropea jipprovdu, dwar affarijiet regolati taħt dan it-Titolu, b'mod li jkun differenti milli hemm f 'dan it-Titolu, dawk ir-regolamenti għandhom jipprevalixxu, u d-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom biss japplikaw meta ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti jew f'affarijiet li ma jaqgħux fl-ambitu ta' dawk ir-regolamenti."

Jehtieg ghalhekk li jigu ezaminati l-provvedimenti tar-Regolament Ewropew numru 1215/2012 fir-rigward ta' x'inhu mehtieg sabiex sentenza moghtija fil-gurisdizzjoni ta' stat membru ewropew tkun tista' tigi ezegwita fi stat iehor membru ewropew.

Artikoli 26 u 27 ta' dan ir-Regolament Ewropew ifissru ir-raguni tal-promulgazzjoni ta' dan ir-Regolament:-

"Artikolu 26: Il-fiduċja reċiproka fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni tiġġustifika l-prinċipju li s-sentenzi mogħtija fi Stat Membru għandhom jiġu rikonoxxuti fl-Istati Membri kollha mingħajr il-ħtieġa għal proċedura speċjali. Barra minn hekk, l-għan li t-tilwim transkonfinali jirriżulta f'inqas ħela ta' ħin u spejjeż jiġġustifika l-abolizzjoni tad-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà qabel l-eżekuzzjoni fl-Istat Membru indirizzat. Bħala riżultat, sentenza li tingħata mill-qrati ta' Stat Membru għandha tiġi ttrattata daqs li kieku kienet ingħatat fl-Istat Membru indirizzat.

Artikolu 27: Ghall-finijiet tac-cirkostazzjoni libera tas-sentenzi, sentenza li tinghata fi Stat Membru ghandha tigi rikonoxxuta u ezegwita fi Stat Membru iehor anke jekk tinghata kontra persuna mhux domiciljata fi Stat Membru."

Dan ma jfissirx pero' illi sentenza moghtija moghtija fi Stat Membru iehor hija dejjem enforzabbli fil-gurisdizzjoni Maltija minghajr ebda eccezzjoni. Lanqas dan ma jfisser illi min hu milqut b'sentenza moghtija fi Stat Membru iehor m'ghandux jinghata fil-gurisdizzjoni tal-Istat Membru li fih jinghata bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dik is-sentenz l-ebda opportunita' isemma lehnu qabel l-ezekuzzjoni. Altrimenti il-bieb ikun miftuh ghall-possibilita' ta' abbuz procedurali.

Il-Qorti issa ser tghaddi sabiex ticcita preamboli u artikoli tar-Regolament Ewropew nru 1252/2012 applikabbli direttament fl-istati membri tal-Unjoni Ewropea.

**Preambolu 30**

Parti li tikkontesta l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor għandha, sa fejn ikun possibbli, u skont is-sistema legali tal-Istat Membru indirizzat, tkun tista' tinvoka, fl-istess proċedura, flimkien mar-raġunijiet għal rifjut kif hemm previst f'dan ir-Regolament, ir-raġunijiet għal rifjut disponibbli taħt il-liġi nazzjonali u fil-limiti ta' żmien stabbiliti f'dik il-liġi.

Madankollu r-rikonoxximent ta' sentenza għandha tiġi rrifjutata biss jekk raġuni għal rifjut waħda jew aktar kif hemm previst f'dan ir-Regolament ikunu preżenti.

**Preambolu 32**

Sabiex il-persuna li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni tiġi infurmata bl-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor, iċ-ċertifikat stabbilit skont dan ir-Regolament, jekk ikun hemm bżonn ikun akkumpanjat mis-sentenza, għandu jiġi nnotifikat lil dik il-persuna fi żmien raġonevoli qabel l-ewwel miżura ta' eżekuzzjoni. F'dan il-kuntest, l-ewwel miżura ta' eżekuzzjoni għandha tfisser l-ewwel miżura ta' eżekuzzjoni wara tali notifika

**Artikolu 43**

1. Meta tintalab l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor, iċ-ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 53 għandu jkun notifikat lill-persuna li kontra tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni **qabel l-ewwel miżura ta' eżekuzzjoni.** Dan iċ-ċertifikat għandu jkun akkumpanjat mis-sentenza, jekk din ma tkunx diġà ġiet innotifikata lil dik il-persuna.

2. Meta persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni hija domiċiljata fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru ta' oriġini, hija tista' titlob traduzzjoni tas-sentenza

sabiex tikkontesta l-eżekuzzjoni jekk is-sentenza mhijiex miktuba jew akkumpanjata minn traduzzjoni f'xi waħda mil-lingwi segwenti:

(a) lingwa li tifhem; jew

(b) il-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru li fih hija domiċiljata jew, fejn hemm diversi lingwi uffiċjali f'dak l-Istat Membru, il-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali tal-post fejn hija domiċiljata.

Meta traduzzjoni tas-sentenza hija mitluba taħt l-ewwel subparagrafu, ma tista' tittieħed l-ebda miżura ta' eżekuzzjoni għajr miżuri kawtelatorji sakemm dik it-traduzzjoni tkun ingħatat lill-persuna li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni.

Dan il-paragrafu m'għandux japplika jekk is-sentenza tkun diġà ġiet innotifikata lill-persuna li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni f'waħda mil-lingwi msemmija fl-ewwel subparagrafu jew tkun akkumpanjata minn traduzzjoni f'waħda minn dawk il-lingwi.

3. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għall-eżekuzzjoni ta' miżura kawtolatorja f'sentenza jew meta l-persuna li qed titlob l-eżekuzzjoni tipproċedi għal miżuri kawtelatorji skont l-Artikolu 40. (sottolinear tal-Qorti).

**Artikolu 44**

1. Fil-każ ta' talba għal rifjut tal-eżekuzzjoni ta' sentenza skont is-SubTaqsima 2 tat-Taqsima 3, il-Qorti fl-Istat Membru indirizzat tista', fuq it-talba tal-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni:

(a) tillimita l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni għal miżuri kawtolatorji;

(b) tissoġġetta l-eżekuzzjoni għall-għoti ta' garanzija li hi tistabbilixxi; jew

(c) tissospendi l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni kollha kemm huma jew ta' parti minnhom.

2. L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru indirizzat għandha, fuq it-talba tal-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni, tissospendi l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni fil-każ fejn l-eżegwibbiltà tas-sentenza tkun sospiża fl-Istat Membru tal-oriġini.

**Artikolu 45**

1. Fuq it-talba ta' kwalunkwe parti interessata, ir-rikonoxximent ta' sentenza għandha tiġi rifjutata:

(a) jekk dak ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Membru indirizzat;

(b) meta s-sentenza tingħata b'kontumaċja, jekk il-konvenut ma kienx ġie notifikat bid-dokument li jkun fetaħ il-proċedimenti jew b'dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti u b'tali manjiera li dan ikun jista' jħejji għad-difiża tiegħu, sakemm il-konvenut ma jkunx naqas milli jibda l-proċedimenti biex jikkontesta s-sentenza meta kien possibli għalih li jagħmel hekk;

(c) jekk is-sentenza tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza mogħtija bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru indirizzat;

(d) jekk is-sentenza tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza mogħtija aktar kmieni fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz li jinvolvi l-istess kawża ta' azzjoni u bejn l-istess partijiet, dment li s-sentenza preċedenti tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru indirizzat; jew

(e) jekk is-sentenza tkun f'konflitt ma':

(i) it-Taqsimiet 3, 4 jew 5 tal-Kapitolu II fejn id-detentur tal-polza tal-assigurazzjoni, l-assigurat, il-benefiċjarju tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara, il-konsumatur jew l-impjegat kien il-konvenut; or

(ii) it-Taqsima 6 tal-Kapitolu II.

2. Fl-eżami tagħha tar-raġunijiet tal-ġurisdizzjoni msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 1, il-qorti li lilha ssir it-talba għandha tkun marbuta bis-sejbiet dwar il-fatt

li fuqhom il-qorti tal-oriġini tkun ibbażat il-ġurisdizzjoni tagħha.

3. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 1(e), il-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-oriġini ma tistax tiġi riveduta. It-test ta’ strateġija pubblika msemmija fil-paragrafu 1(a) ma jistax jiġi applikat għal regoli li għandhom x’jaqsmu mal-ġurisdizzjoni.

4. It-talba għal rifjut ta’ rikonoxximent għandha ssir skont il-proċeduri previsti fis-SubTaqsima 2 u, fejn adatt fit-Taqsima 4.

**Artikolu 46**

Fuq it-talba tal-persuna li kontra tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni, l-eżekuzzjoni ta’ sentenza għandha tiġi rrifjutata meta jinstab li teżisti waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 45.

Ikkunsidrat;

Mill-artikoli appena citata huwa aktar milli evidenti illi l-istess Regolament Ewropew 1215/2012 jipprovdi tassattivament illi qabel ma' l-Qorti tal-Istat Membru Indirizat tghaddi sabiex tawtorizza l-ezekuzzjoni ta' sentenza moghtija minn Qorti fl-Istat Membru tal-Origini, il-perunsa li kontra taghha tkun qed tintalab l-ezekuzzjoni ghandu fl-ewwel lok jigi notifikat b'kopja tas-sentenza u b'kopja tac-certifikat rilaxxjat bis-sahha tal-Artikolu 53; u fit-tieni lok ghandu jinghata l-opportunita' li **QABEL** ma l-Qorti fl-Istat Membru Indirizzat tghaddi sabiex tawtorizza l-ezekuzzjoni, taghtih l-opportunita' li jressaq ir-ragunijiet ghaliex skond dik il-persuna il-Qorti fl-Istat Membru Indirizzat m'ghandux tawtorizza tali ezekuzzjoni. Fil-gurisdizzjoni taghna din il-procedura tigi adottata regolarment.[2] Anke ghaliex kif rajna minn tali decizzjoni tal-Qorti fl-Istat Membru Indirizzat hemm dritt ta' appell.

[2] Ara bhala ezempju: Sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fit-28 ta' April 2017 fl-ismijiet "Av. Mario de Marco noe vs Lidia Randazzo et"; Sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fit-30 ta' Ottubru 2017 fl-ismijiet "Av. Edward Debono noe vs Jean Pierre Borg"

Ghalkemm is-sekwestrant sostna f'dawn il-proceduri illi huwa ha hsieb jinnotifika lis-socjeta' sekwestrata bic-certifikat de quo; mill-atti jirrizulta illi dan mhux minnu. Ghal kuntrarju jirrizulta illi in-notifika li saret, li l-validita' taghha hija wkoll kontestata mis-socjeta' sekwestrata, kienet tal-procedura qabel mal-Qorti Taljana irrilaxxjat ic-certtifikat ai termini tal-Artikolu 53 tar-Regolament Ewropew nru 1215/2012. Appena gie lilu rilaxxjat dak ic-certifikat, is-sekwestrant ghadda sabiex jintavola talba ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv minghajr ma qabel innotifika lis-socjeta' debitrici b'kopja tac-certfikat de quo u minghajr ma qabel istitwixxa l-procedura sommarja sabiex il-Qrati Maltin, bhala l-Qorti fl-Istat Membru Indirizzat tawtorizza l-ezekuzzjoni ta' dik is-sentenza f'Malta. Is-sekwestrant ghazel li ma jaghmel xejn minn dan u ghalhekk is-socjeta' sekwestrata spiccat milquta b'att ezekuttiv minghajr ma qabel inghatat l-opportunita' li tghid taghha dwar jekk hemmx ragunijiet ghaliex tali sentenza m'ghandiex tigi ezegwita f'Malta.

Hija gurisprudenza kostanti illi l-ligijiet ta' procedura huma ligijiet ta' ordni pubbliku illi ghandhom jinghataw interpretazzjoni stretta ghaliex fuqhom tiddependi hafna drabi is-solidita' ta' sistema guridiku. In-nuqqas ta' tharis tal-ligijiet ta' procedura jwassal hafna drabi, bhal fil-kaz in ezami, ghall-irritwalita' u nullita' tal-proceduri. Dawn huma regoli ta' procedura li l-Qorti fl-Istat Membru Indirizzat hija marbuta li tadotta u timplimenta u mhux moghti lilha d-diskrezzjoni li twarrab l-implimentazzjoni taghhom.

Hija l-fehma ferma ta' din il-Qorti illi tenut kont l-importanza li r-Regolament numru 1215/2012 jaghti lil din il-procedura; in-nuqqas ta' tharis taghha fil-Qorti tal-Istat Membru Indirizzat twassal ghan-nullita' ta' dak kollu li sar bi ksur tal-osservanza tar-Regolament Ewropew.

Tenut kont li l-Qorti qed tikkonkludi illi n-nuqqas ta' tharis tal-procedura kif fuq spjegat iwassal ghall-irritwalita' tal-hrug tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 452/2019; mhux mehtieg illi l-Qorti tiddelibera dwar l-aggravji l-ohra imressqa mir-

rikorrent.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta u tiddeciedi r-rikors tas-socjeta' sekwestrata Interactive Services Limited prezentat fl-4 ta' Gunju 2019 u tiddisponi mir-risposta ta' Vincenzo di Nunzio, billi

1. Tichad l-eccezzjonijiet tas-sekwestrant konformement ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' r-rikors tas-socjeta' sekwestrata tal-4 ta' Gunju 2019 ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

3. Tordna t-thassir tad-digriet tal-4 ta' April 2019 li permezz tieghu inhareg il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 452/2019 fl-ismijiet "Vincenzo di Nunzio vs Interactive Services Limited";

4. Tordna l-hrug tal-opportun kontro-mandat u n-notifiki skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-sekwestrant kif mitlub.

**Moghti kameralment illum 16 ta' Lulju 2019**.

**Onor Robert G. Mangion**

**Imhallef**